REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/625

tat-28 ta' Marzu 2025

li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikati ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' tali ċertifikati fir-rigward tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju li fih ċerti gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew alternattivi rilevanti u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(8) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/573 jinkludi l-obbligi dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi biex iwettqu ċerti attivitajiet li jinvolvu l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew alternattivi rilevanti.

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/573 introduċa regoli ġodda rigward l-obbligi taċ-ċertifikazzjoni għat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju. Dawn ir-regoli l-ġodda jkopru lista estiża ta' sustanzi li jinsabu fit-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju, inkluż l-alternattivi rilevanti, jiġifieri, perfluworo(2-metil-3-pentanon), trifluworojodometan (jodur tat-trifluworometil), u t-2-bromo-3,3,3-trifluworoprop-1-en (2-BTP).

(3) Ir-rekwiżiti għall-kontenut tal-programmi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiżguraw l-immaniġġjar sikur u l-prevenzjoni tal-iskariku u t-tnixxija mit-tagħmir.

(4) Għalhekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/573, jeħtieġ jiġu aġġornati r-rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fir-rigward tal-ħiliet u l-għarfien li għandhom jiġu koperti b'rabta mat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju u li jiġu speċifikati r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati.

(5) Ir-Regolament (UE) 2024/573 issostitwixxa r-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 ([3]) jitħassar.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, stabbiliti bl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2024/573,

([1]) ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/517/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar u ma' pompi tat-tifi tan-nar li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/304/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal persuni fiżiċi li jwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-installazzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni jew is-servizzjar kif ukoll id-dekummissjonar tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju li fih il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573, jew is-sustanzi alternattivi rilevanti perfluworo(2-metil-3-pentanon), trifluworojodometan (jodur tat-trifluworometil), u 2-bromo-3,3,3-trifluworoprop-1-en (2-BTP);

(b) il-kontrolli ta' tnixxijiet tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju li fih il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u fit-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573;

(c) l-irkupru tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mit-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal persuni ġuridiċi li jwettqu, għall-partijiet terzi, l-installazzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, is-servizzjar jew id-dekummissjonar tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju li fih il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573 u s-sustanzi alternattivi perfluworo(2-metil-3-pentanon), trifluworojodometan (jodur tat-trifluworometil), u 2-bromo-3,3,3-trifluworoprop-1-en (2-BTP).

3. Dan ir-Regolament ma għandu japplika għall-ebda attività ta' manifattura mwettqa fis-sit tal-manifattur tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju.

Artikolu 2

Ċertifikazzjoni għal persuni fiżiċi

1. Il-persuni fiżiċi li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandu jkollhom ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 3.

2. Il-persuni fiżiċi li jwettqu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu rreġistrati f'kors tat-taħriġ biex jiksbu ċertifikat li jkopri l-attività rilevanti; u

(b) jwettqu l-attività taħt is-superviżjoni ta' persuna li għandha ċertifikat li jkopri l-attività u li hija responsabbli b'mod sħiħ għat-twettiq tal-attività b'mod korrett.

Id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika tul il-perjodi li fihom jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), u li b'kollox ma għandhomx jaqbżu l-24 xahar.

Artikolu 3

Ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi

1. Korp taċ-ċertifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 għandu joħroġ ċertifikat lill-persuni fiżiċi li jkunu għaddew minn eżami teoretiku u prattiku li jkopri l-ħiliet minimi u l-għarfien stipulati fl-Anness I, li jkun organizzat minn korp tal-evalwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7.

2. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas dan li ġej:

(a) l-isem tal-korp taċ-ċertifikazzjoni, l-isem sħiħ tad-detentur tiegħu, numru taċ-ċertifikat, u d-data tal-iskadenza, jekk ikun hemm;

(b) l-attivitajiet li jista' jwettaq id-detentur taċ-ċertifikat;

(c) id-data tal-ħruġ u l-firma tal-emittent.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jeżentaw lill-applikanti mir-rekwiżit li jgħaddu mill-eżami msemmi fil-paragrafu 1, meta l-applikant preċedentement ikun kiseb kwalifiki, ħiliet u għarfien ekwivalenti għal dawk elenkati fl-Anness I.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jirrikjedu li l-applikanti jgħaddu biss minn eżami supplimentari, meta l-ħiliet u l-għarfien miksuba preċedentement tal-applikant ikunu parzjalment koperti skont dawk elenkati fl-Anness I.

Artikolu 4

Ċertifikati għal persuni ġuridiċi

Il-persuni ġuridiċi li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkollhom ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 5.

Artikolu 5

Ċertifikazzjoni ta' persuni ġuridiċi

1. Korp taċ-ċertifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 għandu joħroġ ċertifikat lil persuna ġuridika għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), dment li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) li timpjega persuni fiżiċi li huma ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 3, għall-attivitajiet li jeħtieġu ċertifikazzjoni, f'għadd suffiċjenti li jkopri l-volum mistenni ta' attivitajiet;

(b) tagħti prova li l-għodod u proċeduri neċessarji huma disponibbli lill-persunal li qiegħed jagħmel l-attivitajiet li għalihom hija meħtieġa ċ-ċertifikazzjoni.

2. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas dan li ġej:

(a) l-isem tal-korp taċ-ċertifikazzjoni, l-isem sħiħ tad-detentur tiegħu, in-numru taċ-ċertifikat, u d-data tal-iskadenza, jekk ikun hemm;

(b) l-attivitajiet li jista' jwettaq id-detentur taċ-ċertifikat;

(c) id-data tal-ħruġ u l-firma tal-emittent.

Artikolu 6

Korp ta' ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw fid-dritt nazzjonali, jew jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, biex jaħtru korp taċ-ċertifikazzjoni awtorizzat li joħroġ iċ-ċertifikati lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti f'waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1.

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu.

2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jistabbilixxi u japplika proċeduri għall-ħruġ, għall-waqfien u għall-irtirar taċ-ċertifikati.

3. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jżomm rekords li jippermettu l-verifika tal-istatus ta' persuna fiżika jew ġuridika ċċertifikata. Ir-rekords għandhom juru li l-proċess ta' ċertifikazzjoni twettaq b'mod effettiv. Ir-rekords għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' 5 snin.

Artikolu 7

Korp tal-evalwazzjoni

1. Korp tal-evalwazzjoni maħtur f'kull Stat Membru għandu jorganizza l-eżamijiet għall-persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 1(1). Korp taċ-ċertifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 jista' jikkwalifika wkoll bħala korp tal-evalwazzjoni. Il-korp tal-evalwazzjoni għandu jkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu.

2. L-eżamijiet għandhom ikunu ppjanati u strutturati b'tali mod li jiġi żgurat li l-ħiliet u l-għarfien minimi stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti. Il-korp tal-evalwazzjoni għandu jipprovdi l-post tal-eżamijiet li jiżgura s-sikurezza tal-applikanti.

3. Il-korp tal-evalwazzjoni għandu jadotta l-proċeduri tar-rappurtar u jżomm ir-rekords biex ikun hemm dokumentazzjoni dwar l-individwu u dwar ir-riżultati ġenerali tal-evalwazzjoni.

4. Il-korp tal-evalwazzjoni għandu jiżgura li l-eżaminaturi li jkunu ntgħażlu għal xi eżami jkollhom għarfien xieraq tal-metodi u tad-dokumenti rilevanti għall-eżami, kif ukoll kompetenza xierqa fil-qasam li se jiġi eżaminat. Huwa għandu jiżgura wkoll li t-tagħmir, l-għodda u l-materjali meħtieġa għall-eżamijiet prattiċi jkunu disponibbli.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku

1. Ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati bejn l-Istati Membri għandu japplika biss għaċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mal-Artikolu 3 għal persuni fiżiċi u l-Artikolu 5 għal persuni ġuridiċi, għall-attivitajiet speċifikati f'dawn iċ-ċertifikati.

2. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda evalwazzjoni jew tip ieħor ta' proċeduri ta' valutazzjoni jew rekwiżiti amministrattivi sproporzjonati fuq id-detenturi ta' ċertifikati maħruġa minn Stat Membru ieħor biex jiġu rikonoxxuti dawk iċ-ċertifikati jew biex jippermettu l-aċċess għall-impjieg lid-detenturi ta' dawk iċ-ċertifikati għall-attivitajiet speċifikati fihom.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li d-detenturi ta' ċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor jipprovdu traduzzjoni taċ-ċertifikat b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni.

Artikolu 9

Ċertifikati eżistenti, korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament jew proċessi ta' evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament jew il-proċessi ta' evalwazzjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 10(9) tar-Regolament (UE) 2024/573 jagħtu prova tal-għarfien u l-ħiliet prattiċi u teoretiċi tal-persuni fiżiċi ċċertifikati speċifikati fl-Anness I.

2. Skont l-Artikolu 10(9) tar-Regolament (UE) 2024/573, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi taċ-ċertifikati eżistenti skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 304/2008 jitħallew ikomplu jużaw dawk iċ-ċertifikati biss jekk jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom sal-livell tal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għaċ-ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u speċifikat fl-Anness I tiegħu.

Artikolu 10

Ħassir

1. Ir-Regolament (KE) Nru 304/2008 jitħassar.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ħiliet u l-għarfien li għandhom jiġu koperti mill-korpi tal-evalwazzjoni

L-eżami msemmi fl-Artikolu 7 għandu jinkludi dan li ġej:

(a) eżami teoretiku b'mistoqsija waħda jew iktar dwar dik il-ħila jew dak l-għarfien, kif muri b'(T) fil-kolonna msejħa "Tip ta' Test";

(b) test prattiku li matulu l-applikant għandu jwettaq il-biċċa xogħol korrispondenti bil-materjal, l-għodda u t-tagħmir relevanti, kif muri b'(P) fil-kolonna msejħa "Tip ta' Test".

Nru	Għarfien u Ħiliet Minimi	Tip ta' test
1.	Fehim bażiku tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u dik nazzjonali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2024/573 dwar il-gassijiet F u r-Regolament (UE) 2024/590 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (ir-Regolament dwar l-Ożonu). Għarfien bażiku tal-kwistjonijiet ambjentali rilevanti (it-tibdil fil-klima, l-objettivi klimatiċi tal-UE, il-Ftehim ta' Pariġi, l-emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal, il-potenzjal ta' tisħin globali tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, l-impatti tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS, per- and polyfluoroalkyl substances))	T
2.	Għarfien bażiku tal-istandards tekniċi relevanti	T
3.	Għarfien bażiku tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/573 u tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti	T
4.	Għarfien tajjeb tat-tipi differenti ta' tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju fis-suq tal-Unjoni (tagħmir eżistenti u ġdid) li fih il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew l-alternattivi tagħhom kif ukoll tal-impatti ambjentali tagħhom	T
5.	Għarfien tajjeb tat-tipi ta' valvi, mekkaniżmi ta' attwazzjoni, immaniġġjar sikur, prevenzjoni ta' skariku u tnixxija	T
6.	Għarfien tajjeb tat-tagħmir u tal-għodda meħtieġa għal prattiki sikuri tal-immaniġġjar u ta' ħidma	T
7.	Kapaċità li jiġu installati kontenituri tas-sistema ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarja ddisinjati biex iżommu fihom il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew l-alternattivi tagħhom	P
8.	Għarfien dwar prattiki korretti għaċ-ċaqliq ta' kontenituri taħt pressjoni li fihom il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew l-alternattivi tagħhom	T
9.	Kapaċità li jiġu ċċekkjati r-rekords tas-sistema qabel kontroll għal tnixxija u jidentifikaw l-informazzjoni rilevanti dwar kwalunkwe kwistjoni jew qasam problematiku rikorrenti	T
10.	Kapaċità li jsiru kontrolli viżwali u manwali tat-tagħmir għal tnixxija. Fir-rigward tas-sistemi, il-kontrolli għandhom isiru f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1497/2007 ([2]).	P
11.	Għarfien dwar prattiki ekoloġiċi għall-irkupru tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mit-tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar stazzjonarju u l-iċċarġjar tiegħu.	T

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/590 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 (ĠU L, 2024/590, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/590/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1497/2007 tat- 18 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, b'segwitu għar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti standard għal kontrolli ta' tnixxija minn sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar li fihom ċerti gassijiet serra florinati (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1497/oj).

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 304/2008	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(3)
Artikolu 3(1)	—
Artikolu 3(2)	—
Artikolu 4(1)	Artikolu 3
Artikolu 4(2)	—
Artikolu 4(3)	—
Artikolu 5(1)	Artikolu 4
Artikolu 5(2)	Artikolu 4(2)
Artikolu 5(3)	—
Artikolu 5(4)	Artikolu 4(3)
Artikolu 6(1)	—
Artikolu 6(2)	—
Artikolu 6(3)	—
Artikolu 7(1)	Artikolu 5
Artikolu 7(2)	—
Artikolu 8(1)	Artikolu 6(1)
Artikolu 8(2)	Artikolu 6(2)
Artikolu 9(1)	—
Artikolu 9(2)	—
Artikolu 9(3)	—
Artikolu 10(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 10(2)	Artikolu 7(2)
Artikolu 10(3)	Artikolu 7(3)
Artikolu 11(1)	Artikolu 8(1)
Artikolu 11(2)	Artikolu 8(2)
Artikolu 11(3)	Artikolu 8(3)
Artikolu 11(4)	Artikolu 8(4)
Artikolu 12(1)	—
Artikolu 12(2)	—
Artikolu 12(3)	—
Artikolu 12(4)	—

Regolament (KE) Nru 304/2008	Dan ir-Regolament
Artikolu 13(1)	Artikolu 9(1)
Artikolu 13(2)	Artikolu 9(3)
Artikolu 14	Artikolu 12